MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 302/2011

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ipprezenta u talab hekk:

Illi l-esponenti zzewweg lil C B gewwa l-Knisja ta’ San Frangisk, il-Hamrun nhar it-tnax (12) ta’ Settembru, tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998);

Illi l-esponenti issepara legalment minn ma’ martu permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat datat 30 ta’ Marzu tas-sena 2007 u dan wara li gie awtorizzat digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili ta’ Malta (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 141/07;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi peress li m' hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li z-zwieg kien diga' dikjarat legalment separat b' separazzjoni legali u issa ghaddew erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali;

Illi dwar il-manteniment ma hemm xejn dovut stante li l-partijiet kienu qablu li jirrinunzjaw reciprokament ghad-dritt tal-manteniment u dan skont klawzola tnejn (2) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni li tghid 'Il-partijiet jiddikjaraw li huma qeghdin jirrinunzjaw reciprokament ghad-dritt tal-manteniment minghand xulxin';

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja d-divorju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-

Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partjiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------